

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1901**tal-20 ta' Ottubru 2015****li tistabbilixxi regoli ta' ċertifikazzjoni u mudell ta' ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali haġġin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/56/KE**

(notifikata bid-dokument C(2015) 7013)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand fuq miżuri sanitarji applikabbli man-negozju f'annimali haġġin u prodotti tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8, l-Artikolu 9(2)(b) u l-Artikolu 9(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-tranżitu matul il-Komunità għal ċerti annimali unġulati haġġin, u li temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u li tħassar id-Direttiva 72/462/KEE ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(e), l-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10 u l-Artikolu 13(1) tagħha,Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu.Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 97/132/KE tipprovdi għall-istabbiliment ta' garanziji għall-importazzjoni ta' laħam frisk u ta' prodotti bbażati fuq il-laħam minn New Zealand li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE ⁽⁶⁾. Dik id-Direttiva tħassret u ġiet sostitwita fir-rigward tar-regoli tas-saħħa pubblika u tal-kontroll uffiċjali li huma applikabbli għal ċerti prodotti tal-annimali bir-Regolament (KE) Nru 854/2004, u fir-rigward tas-saħħa tal-annimali u ta' rekwiżiti oħra tal-importazzjoni bid-Direttivi 2002/99/KE u 2004/68/KE.
- (2) L-Anness V tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ f'annimali haġġin u prodotti tal-annimali ("il-Ftehim"), jelenka l-miżuri tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali għall-annimali haġġin u għall-prodotti tal-annimali minn New Zealand li għalihom ġiet iddeterminata l-ekwivalenza.
- (3) L-Artikolu 9(3) tal-Ftehim jirrikjedi li kull kunsinna ta' annimali haġġin jew ta' prodotti tal-annimali, li għaliha tkun ġiet rikonoxxuta ekwivalenza u li tkun ġiet ippreżentata għall-importazzjoni, għandha tkun akkumpanjata, sakemm dan ma jkunx meħtieġ, b'ċertifikat uffiċjali tas-saħħa ("mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa"), bil-mudell tal-attestazzjoni li għalih hija preskritta fl-Anness VII tal-Ftehim.

⁽¹⁾ ĠUL 57, 26.2.1997, p. 4.⁽²⁾ ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11.⁽³⁾ ĠUL 139, 30.4.2004, p. 321.⁽⁴⁾ ĠUL 139, 30.4.2004, p. 206.⁽⁵⁾ ĠUL 303, 18.11.2009, p. 1.⁽⁶⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa u l-ispezzjonijiet veterinarji fuq l-importazzjoni ta' bhejtem tal-ifrat u majjali kif ukoll laħam frisk minn pajjiżi terzi (ĠUL 302, 31.12.1972, p. 28).

- (4) Skont l-Anness V tal-Ftehim, il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal kunsinni ta' annimali ħajjin jew ta' prodotti tal-annimali li huma soġġetti għall-kummerċ bejn l-Unjoni u New Zealand għandu jkollu l-attestazzjonijiet stipulati fil-Kapitolu 28 tat-Taqsima 5 ta' dak l-Anness.
- (5) Skont l-Annessi V u VII tal-Ftehim, il-kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali, li għalihom tkun ġiet determinata l-ekwivalenza għal miżuri tas-saħħa tal-annimali jew tas-saħħa pubblika, iżda mhux għat-tnejn, jistgħu jiġu importati fl-Unjoni, diment li fuq il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa jkunu jidhru l-attestazzjonijiet addizzjonali ta' nonekwivalenza li huma applikabbli miċ-ċertifikati veterinarji stabbiliti skont il-mudelli stipulati fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja tal-importazzjoni. Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li ssir lista ta' dawn l-annimali ħajjin u tal-prodotti tal-annimali f'anness ta' din id-Deċiżjoni.
- (6) L-Anness V tal-Ftehim jipprovdi li l-kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali li għalihom ma tkunx ġiet iddeterminata l-ekwivalenza, jistgħu jiġu importati fl-Unjoni meta jkunu akkumpanjati minn ċertifikati veterinarji li jkunu stabbiliti skont il-mudelli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja tal-importazzjoni jew skont il-kundizzjonijiet nazzjonali prevalenti tas-saħħa tal-Istati Membri, sakemm issir l-adozzjoni tar-regoli armonizzati tal-Unjoni f'dan ir-rigward.
- (7) Kif previst skont is-"Sistemi ta' Ċertifikazzjoni" fil-Kapitolu 27 tal-Anness V tal-Ftehim, f'ċerti kundizzjonijiet, iċ-ċertifikati tas-saħħa jistgħu jinħarġu wara t-tluq tal-kunsinna minn New Zealand. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fuq il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għandha tiġi pprovduta l-attestazzjoni addizzjonali msemmija fil-punt (a)(iv) tat-Taqsima 1 tal-Anness VII tal-Ftehim.
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 jistipula li iċ-ċertifikati tas-saħħa uffiċjali għal-laħam iridu jkunu supplimentati b'attestazzjoni li tiċċertifika li ċerti annimali msemmija f'dak ir-Regolament ġew maqtula f'kundizzjonijiet li joffru garanzija ta' trattament uman li minn tal-inqas huma ekwivalenti għal dawk stipulati f'dak ir-Regolament. Huwa xieraq li l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa jagħmel referenza għal din l-attestazzjoni addizzjonali.
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/240/KE ⁽¹⁾ tistabbilixxi mudelli standard għaċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' annimali ħajjin, ta' semen, ta' embrijuni, ta' ova u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali. L-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni jistipula li dawk il-mudelli jistgħu jintużaw għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.
- (10) L-Annessi V u VII tal-Ftehim, kif emendati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1084 ⁽²⁾, jistabbilixxu miżuri ġodda jew riveduti dwar l-ekwivalenza għal ċerti annimali ħajjin u prodotti tal-annimali, jistipulaw rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni ġodda jew aġġornati, bħall-mudell tal-attestazzjoni għall-prodotti bażiċi ekwivalenti, u li iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tista' ssir ukoll b'mod elettroniku bl-użu ta' sistema elettronika integrata tal-Unjoni li hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE ⁽³⁾ ("TRACES") wara li jiġi rreġistrat il-ftehim tal-UE għall-użu esklussiv taċ-ċertifikazzjoni elettronika għal kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand f'wieħed mill-Annessi tal-Ftehim jew b'korrispondenza skont l-Artikolu 16(1) tal-Ftehim.
- (11) Is-Subkapitolu 29.B. tat-Taqsima 5 tal-Anness V tal-Ftehim jistabbilixxi miżuri addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali meta titfaċċa marda speċifika. L-Annessi V u VII tal-Ftehim jipprovdu li f'dawk iċ-ċirkustanzi, il-kunsinni jistgħu jiġu importati fl-Unjoni meta l-attestazzjonijiet addizzjonali msemmija f'dak is-Subkapitolu jkunu jidhru fuq il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa.
- (12) Biex l-aġġornamenti taċ-ċertifikazzjoni jsiru b'aktar ħeffa, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata iċ-ċertifikazzjoni elettronika, l-Anness V tal-Ftehim jipprevedi l-istabbiliment taċ-ċertifikati tal-importazzjoni għal annimali ħajjin u għal prodotti mill-annimali minn New Zealand bi status "Iva (1)" fi TRACES bl-użu ta' mudell maqbul bejn l-Unjoni u New Zealand.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/240/KE tas-16 ta' April 2007 li tistabbilixxi iċ-ċertifikati veterinarji l-ġodda għall-introduzzjoni ta' annimali ħajjin, tas-semen, tal-embrijuni, tal-ova u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali fil-Komunità fil-qafas tad-Deċiżjonijiet 79/542/KEE, 92/260/KEE, 93/195/KEE, 93/196/KEE, 93/197/KEE, 95/328/KE, 96/333/KE, 96/539/KE, 96/540/KE, 2000/572/KE, 2000/585/KE, 2000/666/KE, 2002/613/KE, 2003/56/KE, 2003/779/KE, 2003/804/KE, 2003/858/KE, 2003/863/KE, 2003/881/KE, 2004/407/KE, 2004/438/KE, 2004/595/KE, 2004/639/KE u 2006/168/KE (ĠU L 104, 21.4.2007, p. 37).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1084 tat-18 ta' Frar 2015 li, f'isem l-Unjoni Ewropea, tapprova ċerti emendi fl-Annessi II, V, VII u VIII tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (ĠU L 175, 4.7.2015, p. 45).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-iżvilupp ta' sistema veterinarja integrata u komputerrizzata (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 44).

- (13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/56/KE ⁽¹⁾ tistabbilixxi rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni u diversi mudelli ta' ċertifikati tas-saħħa ssempifikati għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand. Dawk ir-rekwiżiti u l-mudelli taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiġu adattati biex jirriflettu l-aħħar emendi tal-Annessi V u VII tal-Ftehim. Għall-finijiet ta' leġiżlazzjoni ċara u konsistenti tal-Unjoni, id-Deċiżjoni 2003/56/KE għandha titħassar u tiġi sostitwita minn din id-Deċiżjoni.
- (14) L-użu ta' ċertifikati tas-saħħa maħruġa skont id-Deċiżjoni 2003/56/KE għandu jkun awtorizzat matul perjodu ta' tranżizzjoni twil biżżejjed, biex jippermetti li l-mudell taċ-ċertifikat il-ġdid jiġi aġġustat fi TRACES u biex jiġi żgurat li tibqa' għaddejja t-trażmissjoni tad-dejta elettronika ta' New Zealand, u kif ukoll biex jiġi evitat kull tip ta' xkiel fil-kummerċ.
- (15) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand.

Tistabbilixxi wkoll il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa li jrid jintuża għall-importazzjoni ta' dawk l-annimali ħajjin u ta' dawk il-prodotti tal-annimali fl-Unjoni, li għalihom ġiet iddeterminata l-ekwivalenza skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ fl-annimali ħajjin u fil-prodotti tal-annimali ("il-Ftehim").

Artikolu 2

Importazzjoni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand, sakemm dawn ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa, li jkun inħareġ qabel it-tluq tal-kunsinna minn New Zealand u li jkun tfassal f'konformità mal-mudelli li ġejjin:

(a) meta tkun ġiet stabbilita ekwivalenza għall-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika u tkun ġiet irreġistrata fl-Anness V tal-Ftehim bħala "Iva (1)", il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, u, meta jkun meħtieġ, issupplimentat bl-attestazzjonijiet addizzjonali rilevanti f'konformità ma':

(i) il-kundizzjonijiet speċjali msemmija fil-Kapitolu 28 tat-Taqsima 5 tal-Anness V tal-Ftehim;

(ii) il-kundizzjonijiet speċjali msemmija fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(iii) il-kundizzjonijiet speċjali msemmija fis-Subkapitolu 29.B. tat-Taqsima 5 tal-Anness V tal-Ftehim;

(iv) il-garanziji ta' trattament uman waqt il-qatla li minn tal-inqas ikunu ekwivalenti għal dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 1099/2009;

(b) meta l-ekwivalenza ma tkunx ġiet stabbilita u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni jkunu ġew stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja tal-importazzjoni.

2. Sakemm l-Unjoni tadotta rekwiżiti tal-importazzjoni armonizzati għal ċerti annimali ħajjin u għal ċerti prodotti tal-annimali, għandhom jibqgħu japplikaw ir-rekwiżiti tas-saħħa nazzjonali tal-Istati Membri għall-importazzjoni ta' dawk l-annimali ħajjin u ta' dawk il-prodotti tal-annimali.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni 2003/56/KE tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2003 dwar ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin u prodotti tal-annimali minn New Zealand (G.U.L 22, 25.1.2003, p. 38).

3. Iċ-ċertifikati tas-saħħa maħruġa skont il-mudell imsemmi fil-paragrafu (1)(a) jistgħu jinħarġu wara t-tluq minn New Zealand tal-kunsinna ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali bl-ekwivalenza tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni rreġistrata fil-Kapitolu 27 tal-Anness V tal-Ftehim, sakemm dawn jinkludu referenza għad-Dokument ta' Eliġibiltà ("ED") xieraq u għad-data tal-ħruġ tagħhom u sakemm dawn jiġu pprovduti fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera mal-wasla tal-kunsinna.

Artikolu 3

Kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni ġenerali għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali

L-attestazzjonijiet tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali jistgħu jinġabru flimkien f'ċertifikat tas-saħħa uniku anki f'każijiet meta l-ekwivalenza tkun ġiet iddeterminata għall-miżuri tas-saħħa pubblika biss jew għall-miżuri tas-saħħa tal-annimali biss.

Artikolu 4

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2003/56/KE titħassar.

Artikolu 5

Dispożizzjoni tranżitorja

Għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Mejju 2016, il-kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali li jkunu akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa maħruġa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2016 f'konformità mal-mudelli ta' ċertifikati stabbiliti fl-Annessi II, III, IV, V u VI tad-Deċiżjoni 2003/56/KE, jistgħu jibqgħu jiġu importati fl-Unjoni.

Artikolu 6

Applikabbiltà

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 7

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

MUDELL TA' ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

L-Unjoni Ewropea

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettaġi tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Speditur		I.2. Nru ta' referenza ta' ċertifikat	I.2.a. Nru ta' referenza TRACES:	
	Isem Indirizz		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali		
	Pajjiż		I.4. Awtorità kompetenti lokali		
	I.5. Destinatarju		I.6. Il-persuna responsabbli mill-kunsinna fl-UE		
	Isem Indirizz Pajjiż				
	I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi tal-ISO	I.8.	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi tal-ISO
	I.11. Post tal-oriġini		I.12. Post tad-destinazzjoni		I.10.
	Isem Indirizz	Numru tal-approvazzjoni	Isem Indirizz Kodiċi postali	Numru tal-approvazzjoni	
	I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data u ħin tat-tluq:		
	Isem Kodiċi postali/Reġjun				
I.15. Mezz ta' trasport		I.16. Post ta' Spezzjoni fil-Fruntiera (BIP) tad-dħul fl-UE			
Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni: Numru/i:		Isem Nru tal-unità tal-BIP			
I.18. Temperatura tal-prodotti		I.19. Piż gross totali	I.20. Għadd totali ta' pakketti		
Ambjentali <input type="checkbox"/> Imkessħin <input type="checkbox"/> Iffriżati <input type="checkbox"/>					
I.21. Nri tas-Siġill/tal-Kontejner					
I.22. Prodotti ċertifikati għal:					
Qatla <input type="checkbox"/> Tgħammir <input type="checkbox"/> Tismin <input type="checkbox"/> Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/> Entità approvata <input type="checkbox"/>					
Kwarantina <input type="checkbox"/> <i>Equidae</i> reġistrati <input type="checkbox"/> Stokkjar mill-ġdid tal-animali tal-kaċċa slavaġ <input type="checkbox"/> Annimali domestiċi <input type="checkbox"/> Ċirku/wirja <input type="checkbox"/>					
Riinstallazzjoni <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Ipproċessar ulterjuri <input type="checkbox"/> Għalf tal-animali <input type="checkbox"/>					
Użu tekniku <input type="checkbox"/>					

I.23. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz <input type="checkbox"/>		I.24. Għall-importazzjoni jew għad-dħul temporanju fl-UE <input type="checkbox"/>				
Pajjiż terz		Kodiċi tal-ISO				
I.25. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi						
Kodiċi doganali (Kodiċi SA) u titolu:						
Speċi (Isem xjentifiku)	Natura tal-prodott bażiku	Stabiliment	Numru tal-lott	Numru ta' pakketti	Tip ta' ppakkjar	Piż nett (kg)
Speċi (Isem xjentifiku)	Razza/Kategorija	Identifikazzjoni tad-donatur	Identifikazzjoni tat-tubu straw	Data tal-ġbir	Numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru/tat-tim	Kwantità
Speċi (Isem xjentifiku)	Razza/Kategorija	Metodu ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Sess	Kwantità

PAJJIŻ

II. Attestazzjoni tas-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>L-annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali deskritti hawnhekk, jikkonformaw mal-istandards u mar-rekwiżiti rilevanti ta' New Zealand li ġew rikonoxxuti li huma ekwivalenti għall-istandards u għar-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea kif preskritt fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-miżuri sanitarji (id-Deċiżjoni 97/132/KE).</p>		
<p>(¹) III. Attestazzjonijiet addizzjonali</p>		
<p>jew</p>		
<p>(¹) [III.1. L-annimali ħajjin jew il-prodotti tal-annimali deskritti hawnhekk jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċjali rilevanti li huma stipulati fil-Kapitolu 28 tat-Taqsima 5 tal-Anness V tad-Deċiżjoni 97/132/KE: <i>[daħħal l-attestazzjoni rilevanti].</i>]</p>		
<p>u/jew</p>		
<p>(¹) [III.2. L-annimali ħajjin jew il-prodotti tal-annimali deskritti hawnhekk jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni rilevanti kif stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1901: <i>[daħħal l-attestazzjoni rilevanti].</i>]</p>		
<p>u/jew</p>		
<p>(¹) [III.3. L-annimali ħajjin jew il-prodotti tal-annimali deskritti hawnhekk jikkonformaw mal-kundizzjonijiet addizzjonali li huma stipulati fil-Kapitolu 29.B. tat-Taqsima 5 tal-Anness V tad-Deċiżjoni 97/132/KE fil-każ li tiffaċċa marda speċifika: <i>[daħħal l-attestazzjoni rilevanti].</i>]</p>		
<p>u/jew</p>		
<p>(²) [III.4. Il-prodotti tal-annimali ġejjin minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija qabel u waqt il-qatla f'kundizzjonijiet li jkunu minn tal-anqas ekwivalenti għall-istandards u għar-rekwiżiti tal-Unjoni.]</p>		
<p>u/jew</p>		
<p>(³) (⁴) [III.5. L-uffiċjal imsemmi hawn taħt jiċċertifika din il-kunsinna abbażi tad-Dokumenti ta' Eliġibbiltà (ED) maħruġa fi, li ġew aċċertati minnu jew minnha u li nħarġu qabel it-tluq tal-kunsinna.]</p>		
<p>Noti</p>		
<p><i>Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa huwa maħsub għal finijiet veterinarji biss.</i></p>		
<p>Parti I</p>		
<p>Kaxxa I.6: Imla biss f'każ ta' tranżitu mill-Unjoni.</p>		
<p>Kaxxa I.8: Reġjun tal-oriġini: jekk applikabbli, inkella jrid jiġi ngassat: għal speċijiet ta' annimali jew ta' prodotti affettwati mill-miżuri ta' reġjonalizzazzjoni jew mit-twaqqif ta' żoni approvati f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Unjoni. L-ismijiet tar-reġjuni approvati u taż-żoni (iż-żoni tal-produzzjoni fil-każ ta' molluski bivalvi ffriżati jew ipproċessati) iridu jiddaħħlu kif ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.</p>		
<p>Kaxxa I.12: Imla biss f'każ ta' ħżin tal-prodotti fit-tranżitu: l-isem u l-indirizz (it-triq, il-belt u l-kodiċi postali) u n-numru ta' approvazzjoni jew ta' reġistrazzjoni tal-maħżen f'żona ħielsa, tal-maħżen doganali jew tal-fornitur tal-bastimenti.</p>		
<p>Kaxxa I.14. Għall-annimali ħajjin: niżżel id-data u l-ħin li fihom l-annimali huma skedati li jtilqu fil-mezzi tagħhom tat-trasport (ajruplan, vapur, ferrovija jew vettura tat-triq).</p> <p>Għall-prodotti tal-annimali: indika d-data ta' tluq tal-mezz tat-trasport (ajruplan, vapur, ferrovija jew vettura tat-triq).</p>		
<p>Kaxxa I.18. Imla biss f'każ ta' prodotti tal-annimali:</p>		
<p>Kaxxa I.19: Indika l-"Piż gross totali (kg)" u l-"Piż nett totali (kg)".</p>		
<p>Kaxxa I.22: Indika l-iskop tal-importazzjoni tal-annimali ħajjin jew l-użu maħsub għall-prodotti tal-annimali (l-alternattivi disponibbli jvarjaw skont iċ-ċertifikat speċifiku fir-rekwiżiti dwar l-importazzjoni fl-Unjoni).</p>		
<p>Kaxxa I.22: Jekk applikabbli, indika n-numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner u n-numru tas-siġill.</p>		
<p>Kaxxa I.23: Imla biss f'każ ta' tranżitu mill-Unjoni.</p>		

PAJJIŻ

II. Attestazzjoni tas-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>Kaxxa I.24: Imla biss f'każ ta' importazzjoni jew ta' dħul temporanju fl-Unjoni.</p> <p>Kaxxa I.25: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA).</p> <p>Għall-prodotti tal-annimali: L-ispeċi, in-natura tal-prodott bażiku, in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti (eż. il-biċċerija, l-impjant tal-ipproċessar, il-maħżen tal-friża), in-numru tal-lott, in-numru ta' pakketti, it-tip ta' ppakkjar, il-piż nett (l-alternattivi disponibbli jvarjaw skont iċ-ċertifikat speċifiku fir-rekwiżiti dwar l-importazzjoni fl-Unjoni). F'konformità mal-Kapitolu 27 tal-Anness V tad-Deċiżjoni 97/132/KE "L-esportazzjoni mill-ġdid ta' prodotti importati tal-annimali", dawk il-prodotti jistgħu jiġu minn stabbilimenti f'pajjiżi terzi minbarra New Zealand.</p> <p>Għall-prodotti germalinali: L-ispeċi, ir-razza/il-kategorija, in-numru ta' identifikazzjoni tad-donatur, in-numru ta' identifikazzjoni/il-kodiċi tat-tubu straw, id-data tal-ġbir, in-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru/tat-tim, il-kwantità.</p> <p>Għall-annimali ħajjin: l-ispeċi, ir-razza/il-kategorija, il-metodu ta' identifikazzjoni, in-numru ta' identifikazzjoni, l-età, is-sess, il-kwantità/il-piż nett.</p> <p>It-titoli u l-entrati tal-kaxxi jistgħu jiġu allinjati maċ-ċertifikat speċifiku fir-rekwiżiti tal-importazzjoni fl-Unjoni.</p>		
Parti II		
<p>(¹) Trid timtela biss jekk japplikaw kundizzjonijiet speċjali. Inkella ħassar.</p> <p>(²) Għal prodotti tal-annimali biss li ġejjin minn annimali koperti bir-Regolament (KE) Nru 1099/2009. Inkella ħassar.</p> <p>(³) Trid timtela biss meta ċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa jkun inħareġ wara t-tluq tal-kunsinna. Speċifika r-referenza għad-Dokumenti ta' Eliġibbiltà (ED) xierqa. Inkella ħassar.</p> <p>(⁴) Trid timtela biss meta ċ-ċertifikat tas-saħħa jkun inħareġ wara t-tluq tal-kunsinna. Niżżel id-data. Inkella ħassar.</p> <p>(⁵) Ħassar kif xieraq.</p>		
Veterinarju/spettur uffiċjali (⁵)		
Isem (b'ittri kbar):	Kwalifika u titolu:	
Data:	Firma:	
Timbru:		

ANNEX II

Lista ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali, li għalihom tkun ġiet determinata l-ekwivalenza għall-miżuri tas-saħħa pubblika jew tas-saħħa tal-annimali fl-Anness V tal-Ftehim

Prodott bażiku ⁽¹⁾ , Speċi ⁽²⁾ / Forma ⁽³⁾	K ⁽⁴⁾	Ċertifikazzjoni ⁽⁵⁾		
		Saħħa tal-Annimali	Saħħa Pubblika	Kundizzjonijiet Speċjali għaċ- Ċertifikazzjoni
Laħam ta' annimali tal-kaċċa slavaġ imrobbija mill-farms — Għasafar li ma jtirux (ra- titi) Laħam frisk	4.C	Ir-Regolament tal-Kummiss- joni (KE) Nru 798/2008 ⁽⁶⁾	Mudell ta' ekwiva- lenza tal-attestaz- zjoni tas-saħħa	L-attestazzjonijiet ta' nonek- wivalenza li jridu jiġu inklużi fil-mudell taċ-ċertifikat tas- saħħa stabbilit fl-Anness I
Laħam tal-annimali tal-kaċċa slavaġ — Mammiferi selvaġġi tal-art oħrajn Laħam frisk, ħlief il-ġewwieni	(4)	Ir-Regolament tal-Kummiss- joni (KE) Nru 119/2009 ⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummiss- joni (KE) Nru 206/2010 ⁽⁸⁾	Mudell ta' ekwiva- lenza tal-attestaz- zjoni tas-saħħa	L-attestazzjonijiet ta' nonek- wivalenza li jridu jiġu inklużi fil-mudell taċ-ċertifikat tas- saħħa stabbilit fl-Anness I
Preparazzjonijiet ta' laħam minn laħam ta' annimali tal- kaċċa slavaġ imrobbija mill- farms — Għasafar li ma jtirux (ra- titi)	5.C	Id-Deċiżjoni tal-Kummiss- joni ⁽⁹⁾ 2000/572/KE Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008	Mudell ta' ekwiva- lenza tal-attestaz- zjoni tas-saħħa	L-attestazzjonijiet ta' nonek- wivalenza li jridu jiġu inklużi fil-mudell taċ-ċertifikat tas- saħħa stabbilit fl-Anness I
Prodotti tal-laħam minn la- ham ta' annimali tal-kaċċa sla- vaġ imrobbija mill-farms — Għasafar li ma jtirux (ra- titi)	6.C	Id-Deċiżjoni tal-Kummiss- joni ⁽¹⁰⁾ 2007/777/KE Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008	Mudell ta' ekwiva- lenza tal-attestaz- zjoni tas-saħħa	L-attestazzjonijiet ta' nonek- wivalenza li jridu jiġu inklużi fil-mudell taċ-ċertifikat tas- saħħa stabbilit fl-Anness I

⁽¹⁾ Din it-tabella għandha tinqara flimkien mal-Anness V tal-Ftehim, b'attenzjoni partikolari għall-kundizzjonijiet speċjali li jissemmew fih.

⁽²⁾ Fil-każ ta' annimali ħajjin.

⁽³⁾ Il-forma li fiha jiġi introdott il-prodott (id-dehra).

⁽⁴⁾ Numru ta' kapitolu assenjat lil prodott bażiku partikolari jew grupp ta' prodotti bażiċi li jikkorrispondu għall-prodott bażiku jew għall-grupp ta' prodotti bażiċi tal-istess numru fl-Anness V tal-Ftehim u b'hekk jidher fuq iċ-ċertifikat.

⁽⁵⁾ Ir-referenza għal-leġiżlazzjoni tinkludi l-emendi sussegwenti kollha.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat- 8 ta' Awwissu 2008 li jstabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 tad- 9 ta' Frar 2009 li jstabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom, għall-importazzjoni fil-Komunità, jew għat-tranżitu minnha, ta' laħam ta' leporidae selvaġġi, ta' ċerti mammali tal-art selvaġġi u ta' finiek imrobbija fl-irziezet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat- 12 ta' Marzu 2010 li jstabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikolari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Settembru 2000 li tfassal kondizzjonijiet dwar annimali u saħħa pubblika u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam minn pajjiżi terzi u li tħassar id-deċiżjoni 97/29/KE (ĠU L 240, 23.9.2000, p. 19).

⁽¹⁰⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieġaq ta' l-awrina u l-imsaren it-trattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).